MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Ġunju, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1676/2000/1

**VITAFOAM LIMITED**

vs

**KOSMIPHARMA IMPORTS LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-9 t'Awissu, 2000, li permezz tiegħu l-kumpannija attrici ppremettiet:

Illi s-soċjeta' konvenuta biegħet u trasferiet lis-socjeta' attrici li xtrat u akkwistat mitejn kilogramma (200 kilo) ta' Stabiliser TP 3793 versu l-prezz ta' tmien mija u ħamsin lira maltija (Lm850) u bit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) fis-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin lira maltija u ħamsin ċentezmu (Lm127.50) b'kollox disa' mija u sebgħa u sebgħin lira maltija u ħamsin ċentezmu (Lm977.50), skond 'l hawn anness Invoice immarkat Dokument A;

Illi s-Stabiliser TP 3793 debitament mixtri u akkwistat kien fih difetti li ma jidhrux u ma kienx tal-kwalita' pattwita, u li kieku s-soċjeta' attrici kienet taf bihom ma kinitx tixtri dan is-Stabiliser TP 3793;

Illi s-soċjeta' konvenuta kienet assikurat lis-soċjeta' attriċi illi l-prodott mibjugħ minnha kien addattat għall-użu ta' produzzjoni ta' "*foam*";

Illi s-soċjeta' attriċi soffriet danni minħabba dan l-iStabiliser, liema danni jikkonsistu fit-twaqqif tal-produzzjoni, fi telf ta' bejgħ u f'reparazzjonijiet għal makkinarju tagħha;

Illi għalkemm interpellata bil-miktub sabiex taddivjeni għall-likwidazzjoni u eventwali ħlas tad-danni s-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti mingħajr raġuni valida skond il-liġi;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex, għar-raġunijiet hawn fuq premessi:

1. Tiddikjara li s-Stabiliser TP 3793 fuq imsemmi mixtri mis-soċjeta' attriċi mingħand is-soċjeta' konvenuta huwa difettuż u mhuwiex tal-kwalita' pattwita, anke jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;

2. Tirrexindi l-kuntratt ta' bejgħ bejn il-partijiet in konsegwenza tad-difetti hawn fuq imsemmija;

3. Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija responsabbli għad-danni li soffriet, qiegħda ssofri u li għad trid issofri fil-futur is-soċjeta' attriċi;

4. Tillikwida dawn id-danni hekk soffruti mis-soċjeta' attriċi;

5. Tikkundnna lis-soċjeta' konvenuta biex tħallas lis-soċjeta' attriċi dawn id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittra legali tal-24 ta’ Lulju, 2000, u bl-imgħaxijiet legali kontra s-soċjeta’ konvenuta minn issa nġunta għas-subizzjoni;

Rat id Dikjarazzjoni maħlufa, u n-Nota tax-Xiehda tas-Soċjeta’ attriċi, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat id-Degriet ta’ din il-Qorti tas-17 t’Awissu, 2000, li bih appuntat il-kawża għas-smigħ għad-9 ta’ Novembru, 2000;

Rat li l-kumpannija mħarrka, notifikata kif imiss fit-2 t’Ottubru, 2000, b’kopja tal-Att taċ-ċitazzjoni u bl-Avviż tas-Smigħ, ma ressqet l-ebda kontestazzjoni fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi dwar it-talbiet tal-kumpannija attriċi u għalhekk waqgħet kontumaċi;

Rat ir-Rikors tal-kumpannija mħarrka tal-14 ta’ Novembru, 2000[1], li bih talbet lil din il-Qorti tagħtiha l-jedd li tikkontesta l-kawża, u ssaffi l-kontumaċja tagħha għar-raġunijiet hemmhekk imsemmija;

Rat il-provvediment mogħti fl-4 t’April, 2001[2], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija ċaħdet it-talba tal-kumpannija mħarrka biex titħalla tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Semgħet ix-xiehda tal-kumpannija attriċi, magħduda dik imressqa bil-mezz tal-affidavit u l-provi dokumentali;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta’ Marzu, 2002[3], li bih u fuq talba tal-avukat difensur, tat żmien lill-kumpannija mħarrka biex tressaq nota ta’ osservazzjonijiet għall-finijiet tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12;

Rat illi l-kumpannija mħarrka naqset li tressaq in-nota fiż-żmien lilha mogħti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[1] Paġ. 11 tal-proċess
[2] Paġġ. 28 sa 36 tal-proċess
[3] Paġ. 101 tal-proċess

Rat id-Degrieti tagħha tat-2 ta' Mejju, 2002, tas-27 ta' Settembru, 2002, u tal-10 t'April, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' kuntratt ta' bejgħ u likwidazzjoni u ħlas ta' danni. Il-kumpannija attriċi kienet xtrat kimika mingħand il-kumpannija mħarrka li hija tgħid li ma kienx tal-kwalita' miftehma u li ma kienx tajjeb għall-iskop li għalih inxtara. Minħabba f'hekk, hija trid li jiġi mħassar l-imsemmi xiri u li l-kumpannija mħarrka tagħmel tajjeb għall-ħsara mġarrba minnha;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li f'Marzu tal-2000, il-kumpannija mħarrka biegħet lill-kumpannija attriċi mitejn (200) kilogramm ta' *stabiliser* tal-għamla "TP3793" bil-prezz ta' erba' liri Maltin u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm 4.25) kull kilogramm[4], mhux magħduda t-taxxa għall-valur miżjud fuq l-istess. Il-kumpannija attriċi kienet ilha żmien tixtri *stabiliser* mingħand il-kumpannija mħarrka, imma l-konsenji ta' qabel kienu ta' *stabiliser* li kien magħruf bid-deżinjazzjoni industrijali ta' "OS22". Meta ntbagħatet konsenja ta' *stabiliser* tal-għamla "TP3793", Joseph Calleja, konsulent tal-produzzjoni u azzjonist tal-kumpannija attriċi, ma riedx jaċċettah u bagħat lavrant tiegħu biex jieħdu lura lill-kumpannija mħarrka. Meta ġara hekk, il-kumpannija attriċi ngħatat tagħrif dwaru min Kenneth Bartolo, f'isem il-kumpannija mħarrka[5]. Fl-imsemmija ittra, Bartolo kien qal li ż-żewġ *stabilisers* kienu jixxiebhu ħafna u kienu jwettqu funzjoni identika;

Illi l-ewwel darba li l-kumpannija attriċi wżat l-i*stabiliser* kien f'Mejju, 2000, u mill-ewwel deher li l-prodott beda joħroġ ħażin. Bejn Mejju u Lulju ta' dik is-sena saru tlettax-il (13) "*run*" jew tentativi ta' proċess ta' produzzjoni ta' "*foam*" li fihom intużat il-kimika mal-i*stabiliser* konsenjat

---

[4] Dok "A", f'paġ 5 tal-proċess
[5] Dok "JC1", f'paġġ. 38 sa 42 tal-proċess

mill-kumpannija mħarrka, li lkoll fallew[6]. Dan ħalla effett fuq il-makkinarju li kienet tħaddem il-kumpannija attriċi, u kellu jintuża sistema ta’ produzzjoni bl-idejn biex ix-xogħol ma jitwaqqafx[7]. Minħabba li għal xi żmien l-impjant kien wieqaf, il-ħaddiema tal-kumpannija attriċi ma ipproduċewx *foam* u biex tlaħħaq mal-ordnijiet li kellha, l-kumpannija attriċi kellha tixtri *foam* lest mingħand terzi persuni[8];

Illi minn kostatazzjonijiet li saru minn inġinier imqabbad mill-kumpannija attriċi, irriżulta li l-ħtija tal-falliment tal-proċess ta’ produzzjoni kienet ġejja mill-i*stabiliser* mibjugħ mill-kumpannija mħarrka. Dan għaqqad fit-tubi tal-makna li tintuża għall-produzzjoni tal-*foam* u ikkawża pressjoni għolja fl-impjant u nuqqas ta’ *flow* kontinwu kif kien messu jsir[9]. Wara, meta deher mnejn kien ġej il-problema fil-produzzjoni, u meta sar il-proċess tat-tindif tal-makkinarju u tal-pompa, nbidlu wkoll xi partijiet mill-istess makkinarju li tħassru meta mblokka s-silicon li jagħmel parti mill-i*stabiliser*;

Illi l-kumpannija attriċi ġabet f’Malta konsulent biex jgħinha ssib tarf tal-problema, wara li l-kumpannija mħarrka naqset li tagħti daqqa t’id minkejja li ntalbet tagħmel dan[10]. Dan il-konsulent dam f’Malta tlitt ijiem, fl-aħħar jiem ta’ Lulju, 2000, u dan  wasal għal konklużjonijiet meta ra l-provi li saru quddiemu[11];

Illi wara li l-makna tnaddfet fil-preżenza tal-inġinier barrani, ċertu Emanuele Barisoni, u wara li l-pompa tal-ilma ġiet kalibrata, ħareġ ċar li d-difett fil-produzzjoni kien qiegħed jinħoloq mill-i*stabiliser*. Wara dan, il-kumpannija attriċi bdiet tuża *stabiliser* provdut minn Anthony Camilleri, u li huwa kummerċjat fis-suq bid-deżinjazzjoni “SF154”. Fid-9 t’Awissu, 2000, infetħet il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>aspetti legali tal-azzjoni attriċi</u>, wieħed jara li din hija mibnija fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili. Jekk oġġett li l-bejjiegħ iġib ma

[6] Affidavit ta’ Antoinette Spiteri Audibert 18.2.2002, f’paġ. 53 tal-proċess
[7] Xhieda ta’ Joseph Calleja 26.6.2003, f’paġġ. 47-9 tal-proċess
[8] Dokti f’paġġ. 91-9 tal-proċess
[9] Affidavit ta’ Mario Żarb 6.2.2002, f’paġ. 57 tal-proċess
[10] Affidavit Stephen Carbonaro 6.2.2002, f’paġ. 56 tal-proċess
[11] Dok “VL1”, f’paġġ. 103-4 tal-proċess

jkunx tal-kwalita' miftehma, x-xerrej għandu l-jedd li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni jew li jilqa' l-ħaġa bi prezz imnaqqas. F'dan il-każ, il-kumpannija attriċi qegħda titlob it-tħassir tal-bejgħ. Minn dak li jidher fit-tieni premessa fl-att taċ-Ċitazzjoni, jidher li l-kumpannija attriċi qegħda twaħħad l-azzjoni tal-garanzija minħabba difett mistur mal-azzjoni tal-inadempiment kontrattwali, kif l-istess jidher mill-ewwel talba. Issa huwa stabilit sewwa li meta l-ħaġa mibjugħa ma tkunx dik tal-kwalita' miftehma, wieħed ma jistax jitkellem dwar vizzju redibitorju, imma ta' każ ta' nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt li m'għandha x'taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redibitorji[12]. Iż-żewġ azzjonijiet ma joqogħdux flimkien, u dan sewwasew minħabba l-kawżali inerenti għal kull waħda minnhom, u kif ukoll għar-rimedji partikolari mogħtija lix-xerrej taħt kull waħda;

Illi għalhekk huwa meħtieġ li wieħed iqis sewwa x'inhi n-natura tal-azzjoni mibdija mill-kumpannija attriċi. Dan jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li, wkoll jekk fuq l-assikurazzjoni mogħtija lilha minn rappreżentant tal-kumpannija mħarrka, l-kimika kienet ġiet konsenjata u aċċettata mill-kumpannija attriċi, tant illi kienet bdiet tużaha għall-produzzjoni tal-*foam*. Issa minn dak li ħareġ mill-provi u l-atti tal-kawża, ma jidhirx li ntwera b'xi mod li l-i*stabiliser* li nxtara mill-kumpannija attriċi kien fih innifsu milqut minn difett mistur. Din il-fehma lanqas ma tista' tiġi milħuqa fuq il-bażi li l-prodott kien indikat bl-ittri "TP", li tfisser minn xi xiehda[13], bħala prodott li għadu fil-fażi ta' prova tiegħu fuq is-suq. Fil-fehma ta' din il-Qorti, jidher li l-i*stabiliser* mibjugħ ma kienx tajjeb għall-proċess produttiv li għalih riditu l-kumpannija attriċi, u dan ukoll jekk l-istess prodott ma kien milqut minn l-ebda difett. Il-bażi vera tal-azzjoni attriċi hija, għalhekk, l-azzjoni kuntrattwali u mhux dik edilizja, jew kif ukoll magħrufa, l-azzjoni tal-garanzija;

Illi fil-qasam tal-azzjonijiet kuntrattwali, mbagħad, jeżistu tliet għamliet ta' azzjoni miftuħa lix-xerrej: (a) l-azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt minħabba nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt mill-parti l-oħra (l-azzjoni tal-annullament); (b)

[12] App. Ċiv. **16.2.1945** fil-kawża fl-ismijiet ***Buttiġieġ vs Hirst noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.163**) u App. Ċiv. **27.5.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Grima*** (Kollez. Vol: **XLI.i.341**)

[13] Xhieda ta' Joseph Calleja f'paġ. 46 u Stephen Carbonaro f'paġ. 55 tal-proċess

l-azzjoni tar-rexissjoni tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens jew żball fuq is-sustanza jew il-kwalitajiet essenzjali tal-ħaġa; jew (ċ) l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 1390, fejn l-ħaġa ma tkunx tal-kwalita' miftehma. Fil-każ ta' kull waħda mill-aħħar żewġ għamliet ta' azzjoni, jekk jintlaqgħu, l-effett ikun li kollox jerġa' lura għall-istat li kien qabel il-bejgħ[14];

Illi problema li minn dejjem tqanqal f'dawn l-azzjonijiet u l-proponibbilta' tagħhom huwa dak dwar jekk il-ħaġa mixtrija kinitx konsenjata jew le. Jidher li din il-kwestjoni ġiet solvuta fis-sens li l-azzjoni taħt l-artikolu 1390 tista' tirnexxi u jista' jintalab it-tħassir tal-kuntratt, ukoll jekk tkun saret il-konsenja tal-ħaġa, dment li x-xerrej ma jkunx tilef tali dritt bil-fatt tiegħu stess (per eżempju, jekk ikun biegħ il-ħaġa jew ikun biddlilha n-natura tagħha)[15]. Jidher li l-użu tal-ħaġa u l-ilment mingħajr dewmien tax-xerrej lill-bejjiegħ dwar x'ġara waqt tali użu huwa wkoll bħala element siewi biex jgħin lil wieħed jiddetermina jekk l-azzjoni taħt il-kuntratt hijiex miftuħa lix-xerrej[16]. Issa fil-każ preżenti, għalkemm jidher li l-ħaġa mixtrija ntużat (tant li kien mill-użu tagħha li rriżultaw il-problemi fil-produzzjoni tal-*foam*), ma jidhirx li dan intuża kollu fit-tlettax-il prova li saru, u, minbarra dan, l-ilmenti mal-bejjiegħ tressqu minnufih u persistentement min-naħa tal-kumpannija attriċi. Baqa' jiġi ripetut il-proċess ukoll fuq suġġerimenti li saru lilha minn rappreżentant tal-kumpannija mħarrka, li ippropona metodi oħrajn ta' użu bil-ħsieb li l-proċess ta' produzzjoni jirnexxi;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq in-nuqqas ta' twettiq kuntrattwali min-naħa tal-kumpannija mħarrka li jagħti jedd lill-kumpannija attriċi li tirifjuta l-ħaġa mibjugħa. L-ewwel talba attriċi, fid-dawl tal-fatti mressqa u li jikkonvinċu lill-Qorti, sejra tintlaqa' fuq il-kawżali tal-azzjoni kuntrattwali u mhux fuq dak tal-azzjoni msejsa fuq il-garanzija dwar id-difett mistur;

---

[14] Ara P.A. **10.6.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Grech*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.959**) u s-sentenzi u riferenzi li jinsabu fiha dwar il-kwestjoni

[15] Ara, per eżempju, P.A. GV **27.6.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Anastasi Ltd. vs Maresco Trading Ltd.*** (mhix pubblikata)

[16] Ara, per eżempju, P.A. DS **15.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Meilaq*** (mhix pubblikata)

Illi għar-rigward tat-tieni talba, irid jingħad li din qegħda titressaq bħala konsegwenza tal-jedd tax-xerrej li jirrifjuta li jaċċetta l-ħaġa mibjugħa ladarba mhix tal-kwalita' miftehma. Kif inhi mfassla, it-tieni talba hija għat-tħassir jew rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ u mhux għar-riżoluzzjoni tiegħu. Għalkemm sottili, id-differenza bejn iż-żewġ talbiet hija ċara fil-liġi: fil-każ tar-rexissjoni, il-kuntratt ikun jiswa, imma jkun difettuż u għalhekk jista' jitħassar; fil-każ tar-riżoluzzjoni tal-kuntratt, dan ikun jiswa minn kollox, ma jkollu l-ebda difett kostitutiv, imma jkun suġġett għat-tħassir tiegħu minħabba li xi waħda mill-partijiet ma tkunx wettqet ir-rabta tagħha taħt l-istess kuntratt. Il-kumpannija attriċi għażlet l-ewwel rimedju. Fis-sewwa jingħad li l-kumpannija attriċi qegħda tibni t-talba tagħha għar-rexissjoni tal-kuntratt "in konsegwenza tad-difetti hawn fuq imsemmija". Dan il-kliem jintrabat ma' dak li jingħad fit-tieni premessa taċ-Ċitazzjoni, jiġifieri li l-kumpannija ma kinitx tixtri l-i*stabiliser* li kieku kienet taf x'sejjer jiġri meta jintuża fil-linja tal-produzzjoni tagħha. Għalkemm din il-formulazzjoni m'hijiex l-idejali li setgħet tintuża (minħabba li, kif diġa' ġie osservat, dan huwa kliem li japplika għall-isfera tal-azzjoni redibitorja jew estimatorja taħt il-garanzija), il-Qorti qegħda tifhem li l-kumpannija attriċi qegħda tgħid li hija kienet indotta fi żball ta' sustanza dwar il-ħaġa mixtrija, u li jagħtiha jedd titlob il-ħall tal-kuntratt. Dan huwa element li jsejjes azzjoni għar-rexissjoni[17];

Illi fil-każ preżenti, tressqu provi bil-fomm u wkoll dokumentali li juru li l-kumpannija attriċi, wara li oriġinarjament irrifjutat il-konsenja tal-i*stabiliser* differenti minn dak li kienet ordnat, ġiet "konvinta" taċċetta t-TP3793 fuq is-saħħa tal-assikurazzjonijiet mogħtijin lilha bil-miktub u mod ieħor minn Kevin Bartolo, f'isem il-kumpannija mħarrka. Dan il-proċess min-naħa ta' Bartolo jidher li baqa' sejjer ukoll wara li nqalgħu l-intoppi fil-proċess tal-produzzjoni meta l-i*stabiliser* beda jintuża. Forsi m'huwiex traskurabbli wkoll il-fatt li l-kumpannija

[17] Ara, per eżempju, Kumm. **7.11.1911** fil-kawża fl-ismijiet ***Diacono vs Galea*** (kollez. Vol: **XVIII.iii.59**) u App. Ċiv. **8.1.1912** fil-kawża fl-ismijiet ***Żarb vs Chapelle*** (Kollez. Vol: **XXI.i.399**)

attriċi kienet ilha żmien tixtri *stabiliser* mingħand il-kumpannija mħarrka u qatt ma kellha problemi bil-prodott lilha mibjugħ. Dan il-fatt, magħdud mal-assikurazzjonijiet mogħtijin mill-kumpannija mħarrka dwar kemm l-*istabiliser* kien adattat għall-użu li għalih kien maħsub mill-kumpannija attriċi, iservi biex juri kemm huwa verosimili li l-kunsens tal-kumpannija attriċi dwar il-kwalita' tal-ħaġa mibjugħa kien vizzjat. Kien biss meta l-kumpannija mħarrka ikkonsenjat l-i*stabiliser* TP3793, differenti minn dak mitlub mix-xerrej, li nqalgħu l-problemi;

Illi, minn dawn il-provi, il-Qorti tasal għall-fehma li huwa minnu li l-kunsens tal-kumpannija attriċi kien vizzjat sewwasew fuq kwalita' essenzjali tal-ħaġa mibjugħa u li dan il-fatt seħħ biss wara li l-ħaġa mibjugħa bdiet tiġi użata fit-taħlita mal-kimiki l-oħrajn meħtieġa għall-produzzjoni tal-*foam*;

Illi ma ntwera bl-ebda mod li l-kumpannija attriċi, midħla sewwa fil-qasam tal-użu tal-kimika fi proċessi tekniċi partikolari, kienet traskurata fl-għażla u fit-tħaddim tal-i*stabiliser* minnha miksub mingħand il-kumpannija mħarrka. Tant kienet ġiet konvinta mill-kumpannija mħarrka fuq il-bażi tat-tagħrif tekniku u tal-assikurazzjonijiet mogħtijin lilha li meta nqalgħu l-problemi fil-bidu, il-kumpannija attriċi waħħlet saħansitra fi ħsara fil-makkinarju tagħha u mhux fl-inadegwatezza tal-i*stabiliser* biex ilaħħaq mal-proċess produttiv li ntuża fih. Meta mbagħad wettqet l-aċċertamenti, bl-għajnuna wkoll ta' persuni kompetenti fil-qasam, ħareġ ċar li l-makkinarju ma kienx bil-ħsara, imma kien tħassar minħabba dak li ikkawżalu l-i*stabiliser* mibjugħ mill-kumpannija mħarrka;

Illi, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-kumpannija attriċi seħħilha turi raġuni tajba biex il-kuntratt ta' bejgħ mertu tal-każ jitħassar u kollox jitreġġa' għall-istat li kien qabel;

Illi għar-rigward <u>tal-kwestjoni tad-danni mġarrba</u>, il-kumpannija attriċi tfisser fir-raba' premessa taċ-Ċitazzjoni tagħha li l-kapi ta' danni li hija qegħda tfittex dwarhom jikkonsistu fiż-żamma tal-produzzjoni minħabba l-ħsara

mġarrba bl-użu tal-i*stabiliser* mibjugħ, telf ta' bejgħ u spejjeż minħabba t-tiswijiet li kellhom isiru. Dawn il-ħsarat jew danni huma wkoll dokumentati sewwa[18];

Illi taħt l-ewwel kap, tressqu provi li juru li fit-tlettax-il prova li saru u li fihom intuża l-i*stabiliser* mibjugħ, l-prodott finali falla u ma kienx tajjeb għall-użu. Biex saru dawn ir-*runs* jew provi, intużaw ukoll il-kikiki li normalment jintużaw fil-proċess u li l-i*stabiliser* huwa maħsub li jikkatalizża t-taħlit tagħhom f'prodott (*foam*) tajjeb. Minn dawn il-provi joħroġ li ntużaw b'kemm jiswew aktar minn tmint elef u ħames mitt lira Maltin ta' kimika f'produzzjoni li ntremiet għax mhi tajba għal xejn. Minbarra dan, minħabba li kull darba li ntuża l-i*stabiliser* wara kull prova, l-makkinarju mblokka u kellu jitnaddaf b'kimika apposta, il-kumpannija attriċi kienet daħlet fi spejjeż biex dan sar. Dawn jitilgħu għal ftit iżjed minn mitejn lira Maltija;

Illi taħt it-tieni kap, irriżulta li l-kumpannija attriċi kellha twaqqaf kull produzzjoni sakemm il-makkinarju tnaddaf u ssewwa. Il-ħaddiema tagħha ma kienu jistgħu jagħmlu xejn. L-ordnijiet li kellha l-kumpannija ma setgħux jitwettqu u biex tkun tista' taqdi lill-klijenti tagħha fuq l-ordnijiet tagħhom, kellha tixtri *foam* lest mingħand kompetituri tagħha u li tiegħu nefqet madwar erbat elef u erba' mitt lira Maltija. Minbarra dan, xtrat b'kemm jiswew elf u mitejn lira Maltija ta' blokki lesti tal-*foam* mingħand kumpannija oħra, u dawn "ħallsithom" b'xogħol ta' valur ekwivalenti ladarba l-proċess tal-produzzjoni reġa' beda jsir normalment[19];

Illi taħt it-tielet kap, jirriżulta li l-kumpannija attriċi kellha tħallas għal xi partijiet tal-makkinarju li kellhom jinbidlu għaliex imblokkaw bl-i*stabiliser* u biex ħallset lil min ġie jsewwi l-ħsara. Dawn jammontaw għal ftit iżjed minn mija u erbgħin lira Maltija;

Illi dawn il-kapi ta' danni huma legalment mistħoqqa. Huma kapi ta' danni li l-liġi tammetti bħala risarċibbli f'ċirkostanzi bħal dan taħt eżami. Jirriżulta wkoll li l-

---

[18] Ara affidavit Antoinette Spiteri Audibert, f'paġġ. 53-4 tal-proċess, u d-dokumenti f'paġġ. 58 sa 99
[19] Ara dokument f'paġ. 91 tal-proċess

ispejjeż u l-ħsara mġarrba mill-kumpannija attriċi kienu effett dirett tal-użu tal-i*stabiliser* u l-Qorti hija konvinta li l-ħtija ta’ dan kollu kien l-istess *stabiliser* mibjugħ mill-kumpannija mħarrka. Fuq kollox, il-Qorti tqis li d-danni mġarrba u reklamati kif sejjer jissemma hawn taħt ma taħti xejn għalihom il-kumpannija attriċi, u ma jidher bl-ebda mod li kien hemm xi danni reklamati li l-kumpannija attriċi setgħet tnaqqas jew tevita. Għall-kuntrarju, intwera li fejn il-kumpannija attriċi setgħet, id-danni illimitathom għal dak li kien assolutament meħtieġ biex terġa’ tibda tipproduċi bla xkiel;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni ta’ telf ta’ bejgħ reklamat mill-kumpannija attriċi ma jistax jintlaħaq ammont determinat billi ma tressqux provi xierqa dwar dan. Trid issir osservazzjoni wkoll dwar il-partita li titkellem dwar ħlas lill-impjegati għal żmien disa’ ġimgħat. Għalkemm il-kumpannija attriċi tressaq pretensjoni ta’ elfejn mija u ħamsa u tletin lira Maltija u ħamsa u għoxrin ċenteżmi (Lm 2135.25), il-Qorti ma sabet xejn fil-provi mressqa biex jiġġustifika jew ifisser dan l-ammont. Huwa minnu li jingħad li, għal żmien, l-impjegati tal-kumpannija nżammu ma jistgħux jaħdmu fuq il-produzzjoni tal-*foam* sakemm saru t-tiswijiet meħtieġa u reġa’ nbeda l-proċess, imma kien jaqa’ fuq il-kumpannija attriċi li tipprova u turi kif waslet għall-ammont imsemmi. Minn dan ma sar xejn u m’huwiex il-kompitu tal-Qorti li tagħmel hi eżerċizzju ta’ likwidazzjoni fuq dan il-kap, li, fin-nuqqas ta’ prova konvinċenti u attendibbli, m’huwiex qiegħed jintlaqa’;

Illi, għalhekk, wara li l-Qorti qieset b’reqqa l-prospett imressaq mill-kumpannija attriċi flimkien mad-dokumenti li jixhdu kull waħda mill-partiti hawn fuq miflija, issib li d-danni risarċibbli li l-kumpannija attriċi seħħilha tipprova soddisfaċentement jammontaw għal erbatax-il elf erba’ mija u tmienja u sittin lira Maltija u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm 14,468.91). Ma’ dan l-ammont, għandu jiżdied ukoll l-ammont ta’ tmien mija u ħamsin lira Maltija (Lm 850) li huwa l-prezz minfuq mil-kumpannija attriċi biex xtrat l-i*stabiliser* mingħand il-kumpannija mħarrka;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi, fil-kontumaċja tal-kumpannija mħarrka:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-i*stabiliser* mibjugħ mill-kumpannija mħarrka ma kienx tal-kwalita' miftehma u għalhekk il-kumpannija attriċi għandha raġuni tajba biex tħassar il-bejgħ;

**Tilqa' t-tieni talba** u qegħda tħassar il-bejgħ imsemmi u tordna l-ħlas lura lill-kumpannija attriċi tal-prezz imħallas minnha ta' tmien mija u ħamsin lira Maltin (Lm 850);

**Tilqa' t-tielet talba** u tiddikjara li l-kumpannija mħarrka taħti għall-ħsarat imġarrbin mill-kumpannija attriċi minħabba l-bejgħ tal-i*stabiliser* imsemmi;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u qegħda tillikwida d-danni mġarrbin mill-kumpannija attriċi fl-ammont ta' erbatax-il elf erba' mija u tmienja u sittin lira Maltija u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm 14,468.91);

**Tilqa' l-ħames talba attriċi** u qegħda tikkundanna lill-kumpannija mħarrka biex thallas lill-kumpannija attriċi l-ammont hekk likwidat ta' Lm 14,468.91, in linja ta' danni; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-ispejjeż tal-kawża, flimkien mal-imgħaxijiet legali, li, kwantu għas-somma rappreżentanti l-prezz li għandu jintradd lura, b'effett minn dak inhar li kien sar il-ħlas, u kwantu għall-ammont likwidat bħala danni fir-raba' talba, b'effett millum.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------